MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 813/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**KONTRA**

**JASON BUSUTTIL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Busuttil ta' 32 sena, bin il-mejjet Alfred u Ludgarda nee' Vella, imwieled Tal-Pieta' nhar il-15 ta' Novembru, 1973, u li joqghod fil-fond imsejjah Blue Water Lodge, Flat 4, Ras il-Qawra, Qawra, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 511573M

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-4 ta' Mejju 2006, u fil-granet ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehdua b'qerq, jew akkwsitati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggett, u cioe' digital video camera, gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

2. U kif ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammmissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat mhux biss ammetta fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, izda ghen hafna lill-pulizija biex dan ir-reat jigi solvut f'qasir zmien. Di fatti, kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza, qablu li llum l-imputat strada hajtu ghall-ahjar. Dan jixhdu wkoll il-fedina penali tieghu. Inoltre, l-imputat ukoll irritorna l-oggett misruq, u ghalhekk ukoll jista' jkun hemm riduzzjoni fil-piena, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madankollu, il-Qorti trid taghmilha cara li l-imputat m'ghandux japprofitta ruhu mill-fatt li llum biddel hajtu u jippretendi li jista' jibqa' jaghmel reati u ma jhallasx ghalihom. Hija biss ghar-ragunijiet hawn fuq indikati li l-Qorti m'hix ha taghti piena ta' prigunerija f'dan il-kaz. Jekk

hu tassew minnu li issa l-imputat ghandu impjieg stabbli u qata’ ghal kollox mill-hajja tal-kriminalita’, dan jawgura tajjeb ghall-gejjieni tieghu, u l-Qorti tista’ ghal din id-darba biss, b’mod eccezzjonali, taghti piena li ma tirrestringix il-liberta’, izda timponi kundizzjoni fuq l-imputat. Izda l-Qorti qiegheda twissi bl-aktar mod solenni li dan ifisser biss li din hija l-ahhar darba li l-Qorti sejra timxi mieghu b’dan il-mod, u fissret fi kliem car x’jistghu ikunu l-konsegwenzi jekk tali kundizzjoni ma tigix segwita skrupolozament minnu.

Wara li rat l-Artikoli 334, 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Issib lill-imsemmi imputat Jason Busuttil hati, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------